# Il-Mewt ta' Żewġ Saċerdoti



*Kan. Dun Joe Abela*

## *Dun Ġużepp Xerri*

Ftit tax-xhur ilu l-Mulej Ġesù għoġbu jsejjaħ għal għandu lil Dun Ġużepp Xerri, saċerdot li twieled fiż-Żejtun. Dun Ġużepp ordna qassis nhar is-17 ta' Marzu,1956, meta kien joqgħod f'dar fil-bidu ta' Triq Santa Marija, fuq ix-xellug.

**Ħidma f'Ħal-Qormi**

Dakinhar fiż-Żejtun ordnaw saċerdoti oħra li kienu joqogħdu fiż-Żejtun. Dawn kienu Dun Anġ Seychell, Dun Victor Grech, li kien Bormliż rifuġjat fiż-Żejtun minħabba l-gwerra, Patri Dun Ġużepp Mifsud, Agostinjan u jiena. L-ewwel ħidma pastorali tiegħu Dun Ġużepp Xerri wettaqha bħala **viċi-parroku fil-parroċċa ta' San Bastjan Ħal-Qormi**. Dak iż-żmien il-knisja parrokkjali ta' San Bastjan ma kenitx il-knisja kbira li naraw illum, iżda knisja wisq aktar ċkejkna. Il-ħidma tiegħu f'San Bastjan kienet **tesiġi minnu sagrifiċċju ġmielu** għaliex bħala viċi-parroku hu kien jgħin, bi nhar u bil-lejl fil-parroċċa fejn kien iservi, jiġifieri kellu jinqata' miż-Żejtun. Qegħdin nitkellmu dwar drawwa li kienet teżisti madwar 70 sena ilu, meta n-nies kienu jippreferu jmutu fi djarhom u mhux fl-isptar kif isir illum. Allura l-viċi-parroku kien ikollu joqgħod fil-parroċċa fejn kien iservi. Ċerti familji kien ikollhom kamra speċjali fejn il-qassis kien jistrieħ bil-lejl, meta xi ħadd mill-familja kien moribond! Meta għadda xi żmien Dun Ġużepp ġie lura fiż-Żejtun.

**Ħidma fiż-Żejtun**

Fiż-Żejtun Dun Ġużepp, barra l-ħidma li kien iwettaq fil-knisja parrokkjali, intefa' b'ruħu u ġismu fil-knisja tal-Madonna tas-Sinjura fir-Raħal ta' Fuq. **Kien dilettant ħafna tal-festa ta' Santa Katarina**. Fit-Tridu kien jaqra l-kurunella tal-Qaddisa u wara jippreżenta r-relikwa tagħha għall-bews tan-nies, b'dak li kien jissejjaħ l-osklu (mill-Latin, li jfisser "bewsa"). Dun Ġużepp kien jieħu gost jipprietka, u spiss nhar ta' Sibt, kien imur **iqarar fil-parroċċa tal-Imsida**. Kien saċerdot umli, u kont nosservah kull nhar ta' sibt filgħaxija joqgħod jisma' b'attenzjoni kbira, l-omelija li l-qassis li jkun qed iqaddes kien jagħmel, biex jitgħallem minnu. Għaddew ħafna snin u min jaf kemm ħa nies mir-Raħal ta' Fuq **f'pellegrinaġġi lejn is-Santwarji tal-Madonna** f'diversi rkejjen ta' Malta. L-aktar li kien iħobb kien il-pellegrinaġġ li l-parroċċa taż-Żejtun kienet tagħmel f'Mejju għall-Madonna tal-Mellieħa. Kien organizzatur tajjeb ħafna; kien jirnexxilu jimla aktar minn tużżana "coaches" f'dak il-pellegrinaġġ.

L-aħħar snin ta' ħajtu għaddiehom **jistrieħ fid-Dar tal-Kleru**, fejn daħal meta kellu 78 sena. Il-Qaddejja taċ-Ċenaklu daru ħafna bih għax beda jbati bid-dimenzja. Jalla l-Mulej Ġesù jippremjah għal dak kollu li wettaq għall-ġid tal-erwieħ.



*Dun Ġużepp Scerri, bi grupp miż-Żejtun, għall-Festa ta' Santa Rita ġewwa l-Buskett, 1968*

# *Mons. Dun Lawrenz Mifsud*

Saċerdot ieħor b'rabta maż-Żejtun li l-Mulej għogbu jsejjaħ għal għandu ftit tax-xhur ilu hu Mons. Dun Lawrenz Mifsud. Propjament Dun Lawrenz ma twelidx iż-Żejtun **iżda fil-Birgu fejn twieled fis-sena 1933 minn Lorenzo u Tereża neè Seychell.**

### Rifuġjat fiż-Żejtun

Allura meta bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1940, Wenzu kien għadu tifel ta' 7 snin, iżda peress li l-Birgu kien mira tal-ajruplani tal-għadu, **il-familja tiegħu ġew rifuġjati fiż-Żejtun**, u bdew joqogħdu fi Triq Luqa Briffa. Bħala tifel kien jissejjaħ Lorry u kienet is-sinjorina, oħt l-arċipriet Dun Manwel Brincat, li bdiet tagħtih lezzjonijiet tal-mużika bla ħlas. Missieru, biex jgħajjex lill-familja, fetaħ ħanut tal-"grocer" wara l-knisja ċkejkna ta' Santa Marija fir-Raħal ta' Fuq. Sfortunatament kien f'dan il-ħanut li missieru miet snin aktar tard. Hekk dan **Wenzu u ħutu trabbew fil-qalba taż-Żejtun**. Għaddew numru sew ta' snin sakemm **fl-1959 Wenzu sar saċerdot**, wara li ħuh akbar minnu kien sar patri Agostinjan. Dun Lawrenz, qaddes l-Ewwel Quddiesa solenni fil-kolleġġjata ta' San Lawrenz, il-Birgu.

### Warda Bajda, Warda Safja

L-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu Dun Lawrenz għaddiehom fiż-Żejtun. **Hu kien bravu ħafna fil-mużika** u allura kiteb **antifona ta' Santa Katarina**, barra li kien organista fil-knisja parrokkjali. Iżda, bla dubju ta' xejn, **l-aktar opra li hu ħallielna** fil-parroċċa tagħna kienet il-mużika tal-innu popolari "Warda bajda, warda safja". Il-kliem ta' dan l-innu, tant għal-qalb taż-Żwieten, kien inkiteb mis-Sur Palmier Ċeċi, ħaten Dun Ġwann Palmier li dak iż-żmien kien prokuratur tal-knisja parrokkjali. **F'kull parroċċa li kien Dun Lawrenz dejjem kellu xi opra memorja tiegħu.**

### F'M'Xlokk u l-Birgu

Wara xi żmien, Dun Lawrenz inħatar kappillan ta' M'Xlokk fejn ħa ħsieb biex isir armar bżonjuż fis-sagristija. Iżda għal darb'oħra, jien jidhirli li f'Marsaxlokk, l-aħjar ħaġa li ħalla kien **il-pellegrinaġġ nazzjonali u annwali**, li bis-saħħa tiegħu beda jiġi jsir, u hekk għadu, f'dan ir-raħal marittimu tas-sajjieda. Wara, Mons. Arċisqof ħatru **arċipriet tal-Birgu**, raħal twelidu fejn dam kważi 19 -il sena sħaħ, u fejn waqqaf kor parrokkjali. Sadattant il-periklu tal-gwerra kien spiċċa għal kollox, u wasal iż-żmien tar-**riforma kbira** fil-liturġija tal-Knisja. Allura fil-Birgu, l-Arċipriet Mifsud mexa mad-direttivi



Mons. Lawrenz Mifsud jippatroċinja kunċert ta' mużika sagra fl-okkażjoni tal-250 sena mill-kuntratt tal-Vara Titulari. Novembru 2007

tal-Knisja. Għamel l-Altar Mejda u Ambone, Ġilandra ġdida, niċċa għall-Istatwa ta' San Lawrenz u bankijiet għan-nies. Fil-Birgu wkoll mexxa kumitat b'tifkira tal-400 sena mill-Assedju l-Kbir. Bis-saħħa t'hekk diversi kardinali żaru t-tempju ta' San Lawrenz. Dun Lawrenz laħaq chaplain tar-Royal Navy.

### Fis-Siġġiewi

L-aħħar snin tal-ħidma pastorali tiegħu Dun Lawrenz għaddiehom **fis-Siġġiewi** fejn sar Arċipriet fl-1983 u fejn kompla juri l-ħeġġa tiegħu għall-ġid tal-erwieħ. Tant hu hekk li ħa ħsieb jibdel f'kappella "garage" biex jilħaq il-bżonnijiet reliġjużi ta' numru ta' Siġġiwin li qabel ma kinux moqdija tajjeb, peress li kienu joqogħdu 'l bogħod mill-knisja parrokkjali. Din hi l-kappella tas-S.Sma Trinità fiż-żona ta' Kirċippu. Fis-Siġġiewi wkoll waqqaf kor, kompla l-bradella ta' San Nikola u wettaq xogħol fiċ-ċimiterju, li issa jesa mal-400 qabar. Barra minn hekk ħa ħsieb ukoll xi għamara fis-sagristija. Tant ħabb lis-Siġġiewi li **kera dar f'din il-parroċċa** fi Triq Lorenzo Gafà fejn beda jgħammar mal-membri tal-familja tiegħu. Wara numru ta' snin oħra **Mons. Arċisqof ħatru Monsinjur tal-Katidral** fis-sena 1994. Iżda Dun Lawrenz ma nesiex il-ħidma pastorali, mhux biss fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, fis-Siġġiewi, iżda wkoll saħansitra **fis-Santwarju l-ġdid tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ**. Qatt ma ninsa l-laqgħa li għamilli meta jien żort dan is-santwarju ma' numru ta' nies. Iżda Ġesù lil Dun Lawrenz riedu aktar viċin tiegħu u għalhekk sejjaħlu għandu fis-Saltna tas-Sema fis-sena 2017.

*Il-Kanonku Dun Joe Abela kien mgħejjun f'din il-kitba minn Tony Mifsud, hu Mons. Dun Lawrenz*